# Kunsill Lokali tal-Imqabba

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2018**

**IL-WERREJ**


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **3** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq** | **13-15** |
| **Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank** | **16** |
| **Ir-Rapport tal-Awditur u l-*Financial Statements*** | |

Dr Charlene Muscat
Sindku

## 2.1 Is-seba' leġislatura tal-Kunsill

| **Inkarigu** | **Parteċipazzjoni f'laqgħat** |
|---|---|
| Dr Charlene Muscat (Sindku) | 100.00% |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Viċi Sindku) | 84.21% |
| Sur Michel Farrugia (Kunsillier) | 73.68% |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 63.16% |
| Sinjura Anita Farrugia (Kunsillier) | 68.42% |

**Impjegati**

| | |
|---|---|
| Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv) | 100% |
| Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv) | mhux applikabbli |
| Sinjorina Kylie Anthea Fenech (Skrivana) | mhux applikabbli |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Matul din is-sena l-*cash office* tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba laqa' diversi pagamenti li kienu dovuti mhux biss lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba iżda wkoll lil entitajiet oħra (**Custodial money**) fosthom il-LESA (Law Enforcement System Agency) ir-Reġjuni, id-Dipartiment tal-Artijiet, id-Dipartiment tal-Kummerċ ecc

***Custodial Money***

| Entita' | Sistema | Dettalji | Euros (€) |
|---|---|---|---|
| Awtorita' tal-Artijiet (GPD) | LEMIS | 95 Qbiela u ċnus | 18,276.75 |
| Dipartiment tal-Kummerċ | LAS | 4 Liċenzji | 140.00 |
| Awtorita' Maltija għat-Turiżmu | LAS | 2 Liċenzji | 307.48 |
| Awtorita' Maltija għat-Trasport | LAS | 3 Liċenzji | 349.41 |
| Gwardjani Lokali | Guard and Warden House | Traffiku | 677.97* |
| Reġjun Nofs-in-Nhar | LES | Kontravenzjonijiet | 465.70 |
| Reġjun Ċentru | LES | Kontravenzjonijiet | 127.70 |
| LESA | LES | Kontravenzjonijiet | 19,040.20 |
| **TOTAL** | | | **46,992.02** |

* Eskluz is-servizz tal-Gwardjani fil-festi mqabbda mill-KLM.

Għar-raba' sena tqassmu l-*vouchers* tal-*Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek* mill-uffiċċju tagħna għal dawk il-persuni li huma intitulati għas-*Celiac Vouchers*. L-84vouchers li tqassmu mill-uffiċċju tagħna kienu jlaħħqu għal ammont ta' **€3,780.00.**

Introjtu mill-Permessi li nħarġu mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba

| | Dettalji tal-Permess | Numru | Ammont (€) |
|---|---|---|---|
| 1 | Attivitajiet | 22 | 189 |
| 2 | Depożitar ta' materjal fit-toroq | 9 | 242 |
| 3 | Depożitar ta' skips | 129 | 300 |
| 4 | Imwejjed u Siggijiet fit-toroq tables | 60 | 1972 |
| 5 | Makkinarju fit-toroq | 455 | 4760 |
| 6 | Kabbani u Posti tal-Festi | 103 | 2672 |
| | **T O T A L** | | **9,900.04** |

## Il-Ħidma tal-Kunsill



Din is-sena kienu organizzati diversi attivitajiet soċjali u kulturali. Fost l-oħrajn, kienu organizzati, żewġ *buffet breakfasts* fit-20 ta' Frar u fid-6 ta' Novembru f'lukanda ewlenija, żewġ ħarġiet għall-gżira Għawdxija fit-24 ta' Mejju u fit-13 ta' Settembru, tliet *Afternoon Teas* fl-4 ta' Frar, fit-8 ta' April u l-25 ta' Novembru u mawra sa Sqallija nhar l-1 ta' Settembru. Fil-gżira Għawdxija wieħed seta jara l-pajsaġġ permezz ta' Dawra bit-tren fix-Xwejni. Kulturalment kienet organizzata mawra fil-Limestone Heritage fit-3 ta' April. Dawn l-attivitajiet intlaqgħu tajjeb mir-residenti u qed nippjanaw li dawn ser isibu posthom fil-kalendarju tas-snin li ġejjin. Hu normali wkoll li f'dawn l-attivitajiet ikunu akkumulati fondi għall-*Community Chest Fund* li jingħataw fl-Istrina fl-aħħar tas-sena.






Din is-sena l-Kunsill ta wkoll donazzjoni lill-ET il-President ta' Malta.



Fil-21 t'Ottubru ttellgħet is-<u>serata mużikali</u> fis-Sala tal-Iskola biex ingħata Ġieħ l-Imqabba 2018. Din is-sena kien imiss li jdoqqu is-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju u kienu onorati Mro Joseph Tonna li kien mogħti l-Unur Ġieħ l-Imqabba 2018 u s-Sinjuri George Busuttil, Josephine Simbeye u Jimmy Briffa li ingħataw il-premju ta' Mertu. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ta premju ta' rikonoxximent lill-Każin tal-Futbol

b'rikonoxximent għaliex kien promoss għal Sezzjoni C min dik D, u lill-infermieri li ta' kull sena jagħtu volontarjament it-tilqima tal-influwenza: Ms Julia Debono, Ms Lily Mifsud, Ms Josephine Simbeye, Ms Salvina Bondin, Ms Josephine Abdilla u Ms Jane Carabott. Bħalma jsir is-soltu, fi tmiem il-ġimgha dedikata għal Jum l-Imqabba, inżammet quddiesa ta' ringrazzjament fil-Parroċċa tal-Imqabba.

Fil-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-sena kienu organizzati *Party* tal-Milied għat-Tfal u Party għall-għaqdiet. Għal dawn l-attivitajiet attendew bi ħġarhom ħafna tfal Imqabbin.






Fil-5 ta' Mejju 2018, kienet organizzata wkoll l-attivita' annwali tar-Reġjun Nofsinhar bl-isem Festa Nar 2018. F'din is-serata ġewwa l-Imqabba ir-Reġun Nofsinhar ħallas **€1,000** lil kull kamra parteċipanti għall-ispejjeż involuti. Ovjamemnt il-kmamar tan-nar tas-Soċjetajiet Mużikali tal-Imqabba ipparteċipaw bi ħġarhom u għal dan l-avveniment kien hawn ħafna nies u saret pubbliċita' kbira lir-raħal tal-Imqabba.



Matul din is-sena kienet inawgurata ġewwa l-Imqabba librerija fl-apert, propju fi Ġnien Onġi Onġella. Għal din l-inizjattiva kellna donazzjoni minn għand is-Segretarju Parlamentari l-Onor Julia Farrugia Portelli.

Fit-22 ta' Jannar 2018, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba organizza l-laqgħa pubblika u li għaliha kellu attendenza sabiħa. F'din il-laqgħa li ssir darba f'sena, l-Kunsill ittratta bl-akbar reqqa il-ħtiġijiet tar-residenti. Minbarra din il-laqgħa, il-Kunsill ħass li għandu jibqa' jorganizza il-laqgħat mal-pubbliku fuq temi komuni.



Inizjattivi nazzjonali li konna mħeġġa nipparteċipaw fihom mid-Dipartiment Gvern Lokali kienet biex jitqajjem għarfien fil-*Fibromaylgia*. Nhar il-11 u t-12 ta' Mejju, l-Kunsill Lokali tal-Imqabba xegħel il-Kappella tad-Duluri bid-dwal vjola u blu. Żgur li din l-inizjattiva turi r-ruħ soċjali tal-Kunsill li ma jinteressaħx biss mit-toroq u mil-bankini, iżda

wkoll l-aspett uman. Inizjattiva oħra li ttieħdet mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba f'Ottubru 2018 kienet fl-okkażżjoni tal-Pink October. Dan biex inqajjmu kuxjenza dwar il-marda tal-Kanċer u l-bżonn tar-riċerka fil-kura tiegħu.



Inizjattiva oħra b'laqta mal-wirt kulturali seħħet nhar it-12 ta' Marzu 2018. Infatti dak in-nhar assistejna għall-ftuħ mingħajr ħlas tal-Katakombi tal-Mentna u l-Knisja tal-Lunzjata f'Ħal Millieri minn *Heritage Malta* fuq insistenza tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.



Matul din is-sena ħadna wkoll l-aħbar illi se nibbenefikaw minn skema lokali ta' restawr. Il-proġett jinkludi l-Ħajt tal-Matla fl-Imqabba – passaġġ li minnu kienu jgħaddu l-antenati tagħna sabiex imorru mill-Kappella ta' San Bażilju li kienet isservi bħala parroċċa, sal-irħajjel li llum m'għadux jeżisti ta' Ħal Millieri fejn hemm żewġ kappelli importanti fosthom dik li għandha valur nazzjonali tal-Lunzjata. Dan għaliex fiha bosta affreski rari.

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kompla jaħdem sabiex jindirizza l-problemi tal-għargħar li ilu jsofri minnhom is-snin. Wieħed irid jirrikonoxxi illi problemi li ilhom magħna s-snin, ma jistgħux jissolvew *short term*, għaliex jeħtieġ li jitfassal pjan ħolistiku biex dawn ikunu ndirizzati. Infatti l-Kunsill Lokali tal-Imqabba kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar, liema applikazzjoni kienet ġiet approvata sabiex fi Triq Ġanni Darmanin ikun kostruwit it-tieni ġibjun skont il-pjan lokali. Dan ix-xogħol se jsir mill-Gvern Ċentrali permezz ta' proġett kbir li ġie mħabbar mill-Onor Ian Borg, Ministru tal-Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Sadanittant għadu jinstema' l-appell tar-residenti li qed jopponu li tinbena' Dar tal-Anzjani fuq il-ġibjun eżistenti.




Kien ukoll organizzat kors fl-Isptar il-Qadim fil-Ganutell tul is-sena skolastika 2017-18. In-numru sabiħ ta' parteċipanti, qed ikollhom sezzjonijiet ta' tliet sigħat fil-ġimgħa. F'dawn il-korsijiet il-Kunsill qiegħed ikompli jħajjar sabiex diversi persuni jkollhom l-opportunita' jitgħallmu jaħdmu affarijiet tal-idejn, fl-Isptar il-Qadim, fl-Imqabba stess. Dan il-kors hu sussidjat mill-Gvern Ċentrali permezz tal-*Lifelong Learning.*



Fil-qasam ambjentali komplejna nagħtu kontribut billi twaħħlu diversi *litter bins* ġodda. Dawn twaħħlu propju biex innaqsu l-ħmieġ mir-raħal tagħna. Matul din is-sena reġa' inbidel il-kuntrattur tal-knis tat-toroq għaliex il-Kunsill ma kienx kuntent bil-kuntrattur li ħa l-offerta u beda' jopera servizz ta' emerġenza.



Matul is-sena saret il-manutenzjoni ta' ħafna mit-toroq mill-kuntrattur tagħna filwaqt li bqajna nużaw is-servizzi tal-ħaddiema tar-*Resources and Support Services Ltd* biex niffrankaw spejjeż li ma jkunx hemm għalfejn isiru. Fosthom il-ħdim tad-dekorazzjonijiet tal-Milied, it-tpoġġija ta' marki tat-traffiku u anke twaħħil ta' sinjali tat-traffiku. Dawn il-ħaddiema jagħtu daqqa t'id ukoll f'attivitajiet okkażjonali biex per eżempju jittrasportaw il-palk li normalment jissellef mid-Dipartiment tal-Kultura għal xi attivita' kulturali li l-Kunsill jorganizza fl-apert, bħar-Rock Mass tas-16 ta' Diċembru 2018. Ma rridux ninsew insemmu wkoll l-attivitajiet li seħħew lejn l-aħħar tas-sena speċjalment dawk li kienu organizzati għat-tfal. Il-lezzjonijiet tal-crafts intlaqgħu sew u rawwmu fit-tfal imħabba għall-ambjent billi dawn użaw materjal riċiklabbli.

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali tal-Imqabba kompla jirriċikla aktar billi sostna l-inizjattivi li kienu introdotti fis-snin l-imgħoddija biex jaħdem dejjem favur l-ambjent u għas-servizz tar-residenti. Dawn l-inizjattivi kienu jikkonsistu fl-inkoraġġiment għar-residenti biex jużaw reċipjenti illi jilqgħu fihom ħwejjeġ użati biex ikunu riċiklati, kif ukoll f'reċipjent ieħor biex jilqa' fih skart elettroniku. Tal-ewwel jinsab biswit il-*Bring in Site* fil-Pjazza quddiem iċ-ċimiterju (Triq in-Nazzarenu) u fi Triq il-Barrieri u tal-aħħar jinsab propju fl-intrata tal-Għassa tal-Pulizija. B'hekk qed jirnexxielna nnaqqsu mill-iskart li jintefa' fil-*landfill* bil-għan mhux biss illi jonqsu l-ispejjeż biex tarmi fl-istess

*landfill*, iżda wkoll biex ngħinu lill-Ambjent. Madankollu l-qalba radikali kienet bla dubju l-introduzzjoni tal-ġabra tal-iskart organiku kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mill-aħħar ta' Ottubru 2018 – fuq bażi nazzjonali.

Ix-xogħol fuq il-manutenzjoni u l-infrastruttura ma waqafx, u f'dan ir-rapport qed ninfurmawkom bil-ftit mill-inizjattivi li ħadna biex insewwu u nibnu bankini u nirranġaw l-uċuħ tat-toroq li ħafna minnhom jinqalgħu mal-ewwel ftit xita li tagħmel. Wieħed irid jifhem illi dan is-servizz irid ikun effiċjenti ħalli nnaqsu l-ammont ta' *claims* li jsiru lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba minn dawk li sfortunatament tiġrilhom ħsara fil-vettura u li sussegwentement ifittxuna għad-danni.

Matul is-sena li għaddiet beda jiġi implimentat il-proġett tal-għargħar immaniġjat mill-Gvern Ċentrali. Kienet skartata l-proposta illi l-pjazza li taħtha teżisti ġiebja għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita li kienet tħaffret meta inqata' l-ġebel tal-Knisja Parrokkjali, issir pedonali. Dan kuntrarju għal dak li kien propost is-sena li għaddiet fejn il-vetturi kienu proposti li jduru mal-Knisja Parrokkjali. Dan it-tibdil sar wara li morna għand l-*istakeholders* kollha u ddiskutejna magħhom. Madankollu l-proġett xorta se jkollu valur kbir bit-tneħħija ta' wires minn mal-faċċati u d-devjazzjoni tagħhom għal gandotti taħt il-bankini li se jkun wieħed illi jagħti dehra estetika pulita lil pjazza u wkoll l-arkitettura ta' bini li hemm imdawwar magħha fosthom il-faċċati maestużi tas-sede tal-każini tal-banda.




Wieħed ma jistax iħalli barra madankollu il-ħin amministrattiv dedikat lejn kuntratturi. Hawn għal sena oħra qed insemmu l-arbitraġġ li instema' fil-konfront tagħna minn Schembri Barbros Ltd li sfortunatament inqata' kontra l-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Dan kien fuq xogħlijiet li saru fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, cioe' fuq infrastruttura ta' telefonija li kellha tagħmel il-wisa' għal proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Dwar l-istess xogħlijiet Schembri Barbros issa rebaħ lill-Kunsill €8,088.47 u l-kawża bl-ispejjeż b'kollox.

Is-sitwazzjoni fiz-zoni rurali għad fadal biex tiġi waħda ħielsa mil-ħmieġ li qed jintefa illegalment mingħajr ma' l-awtoritajiet jirnexxilhom



jaqbdu lil xi ħadd. Tant li għadna nsibu numru kbir ta’ abbuż bi *fly tipping* f’postijiet remoti. Anke saħansitra viċin ta’ infrastruttura li hija importanti, bħar-*runway* tal-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta kif jixhed ir-ritratt anness, fis-sit magħruf, bħala Sqaq Buħar, fil-limiti tal-Imqabba. Dwar dan tal-aħħar sibna għajnuna mid-Dipartiment tat-Tindif u ttieħdu wkoll inizjattivi ta’ *Clean ups* fejn kien involut ukoll il-pubbliku. Fuq nota ta’ nkoraġġiment dawn il-barrieri li jidhru fl-isfond hu maħsub li jsiru Solar Farms. Infatti fi tmiem is-sena kien hemm applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita’ tal-Ippjanar minn individwi f’Xahri Mqalleb biex ikunu introdotti dawn is-Solar Farms fl-Imqabba.

Proġett li ħadem fuqu l-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ kien iġib it-titlu Azzjoni b’Missjoni. Dan kien jinvolvi l-installazzjoni ta’ apparat ta’ outdoor gym fi ġnien qalb l-abitat magħruf aħjar bħala dak ta’ Misraħ Missjoni ż-Żgħira, li jmiss ma’ Triq il-Madonna tal-Ġilju propju mal-ground tal-futbol. L-għan li sar f’dan is-sit kien illi jħajjar ġenituri ta’ tfal Imqabbin li filwaqt li jkunu qed jistennew lill-uliedhom jitħarrġu fin-Nursery tal-Futbol, huma wkoll ikunu mħajjra jagħmlu ftit eżerċizzju fiżiku f’dan l-outdoor gym. Dawn iż-żagħżagħ ma kellhomx l-intenzjoni li l-proġett ikun wieħed ta’ natura kapitali u sempliċiment jinxtara dan l-apparat u jispiċċa kollox. Infatti dan kien jinvolvi illi wieħed jagħti tagħrif lill-pubbliku minn persuni professjonali fil-qasam tan-nutrizzjoni u t-tisjir. Fuq kollox biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza li wieħed jgħix b’saħħtu filwaqt li jipprovdu għodda lill-Imqabbin biex jagħmlu xi tip ta’ eżerċizzju li mhux neċessarjament ikun l-outdoor gym iżda anke per eżempju xi mixja fil-kampanja. Fi tmiem il-proġett kien ippubblikat flyer b’pariri siewja biex wieħed jibża’ għal saħħtu u fuq kollox biex kulħadd ikun jaf fejn jinsab dan l-outdoor gym u jkun imħajjar jagħmel l-eżerċizzju. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ tiegħu kienet karatterizzata minn taħwil ta’ siġar fl-istess ġnien pubbliku bl-involviment tal-Għaqda Siġar Maltin u kien provdut ikel Malti b’laqta’ Mediterranja peress li dan hu meqjuż li fih ħafna nutrimenti importanti għall-persuna.






**Dr Charlene Muscat telgħet tirrappreżenta lill-Imqabba fi Brussel nhar it-8 ta’ Marzu, 2018.** Is-Sindku fis-

seduta numru 92 tat tagħrif dwar il-konferenza li attendiet għaliha fi Brussell dwar l-is-sigurta' fl-ispazji pubbliċi. Hija semmiet temi li kienu diskussi bħal dawk ta' tpoġġija ta' cctv cameras fit-toroq għas-saħħa u s-sigurta' tal-pedestrians li jkunu vulnerabbli jimxu fit-toroq u kif jeżistu fondi apposta biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' l-istallar ta' dawn il- *cameras*. Dan fl-isfond fejn barra minn Malta qed jitpoġġew diversi blokok tal-konkos fit-toroq biex ikunu evitati inċidenti kif seħħew barra minn Malta b'vetturi jinstaqu għal fuq in-nies. Charlene Muscat qalet illi kien saħansitra diskuss anke attakki minn *drones* fuq attivitajiet tal-massa. Hija qalet illi jekk Alla ħares qatt isir dan f'xi festa jew attivita' pubblika, jkun hawn diżastru. Is-Sindku ipproponiet proġett li jinvolvi l-istallazzjoni ta' cctv *cameras* fiċ-ċentru tal-lokalita'. F'dan il-punt kien maqbul illi ssir manutenzjon fuq il-cameras li għandna mwaħħlin fir-raħal.







Matul din is-sena il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ħa żewġ unuri prestiġjużi.

Il-Greenpak Co-op – Most Supportive Locality award and best overall performance award nomination, u *National Enterprise Support Awards* – Premju ta' €1,000 għas-sapport fl-artiġjanat permezz ta' korsijiet u attivitajiet.



Ilmenti

It-total tal-ilmenti li kienu miftuħa din is-sena ilaħħqu 502.

Dawn kienu maqsuma kif ġej:

| **Xahar** | **Numru** |
|---|---|
| Jannar | 66 |
| Frar | 43 |
| Marzu | 49 |
| April | 38 |
| Mejju | 47 |

| | |
|---|---|
| Gunju | 34 |
| Lulju | 52 |
| Awwissu | 17 |
| Settembru | 35 |
| Ottubru | 57 |
| Novembru | 35 |
| Dicembru | 29 |
| **TOTALI** | 502 |

Intant, kien hemm 1094 talbiet għal servizzi personalizzati tal-bulky refuse. Dawn is-servizzi jingħataw bieb bieb lill-individwu nhar ta' Erbgħa, Ħamis, Ġimgħa u s-Sibt. Dan sar servizz popolari ħafna li permezz tiegħu innaqsu l-abbuż li jintefgħu *bulky refuse items* fil-kampanja minn xi ħadd irresponsabbli.

Skont l-iskeda annessa li turi l-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq hawn annessa, jidher illi kien hemm *surplus* għal din is-sena ta' €12,000.00. Madankollu wieħed irid iqis illi dawn il-figuri qed jitkellmu fuq *cash basis* u meta wieħed inaqqas id-depprezzament għas-sena 2018 li jlaħħaq għal €83,000.00, u l-*increase in provision of doubtful debt* ta' €500.

## Organizzazzjoni

L-istruttura organizzattiva.



| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2018 ATTWALI € | b<br>2018 ESTMI € | c<br>2017 ATTWALI € | a-b/b-a<br>VARJANZA ATTWALI/ ESTMI € | a-c/c-a<br>VARJANZA ATTWALI € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 290,995.00 | 297,875.00 | 358,870.00 | (6,880.00) | (67,875.00) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 17,427.00 | 15,221.00 | 16,621.00 | 2,206.00 | 806.00 |
| 0090 | L-Investiment | 108.00 | 12.00 | 55.00 | 96.00 | 53.00 |
| 0100 | Ġenerali | 863.00 | 1,847.00 | 0.00 | (984.00) | 863.00 |
| | **TOTAL** | **309,393.00** | **314,955.00** | **375,546.00** | **(5,562.00)** | **(66,153.00)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 77,486.00 | 84,400.00 | 86,773.00 | 6,914.00 | 9,287.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 136,698.00 | 136,770.00 | 227,522.00 | 72.00 | 90,824.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 82,959.00 | 93,785.00 | 0.00 | 10,826.00 | (82,959.00) |
| | **TOTAL** | **297,143.00** | **314,955.00** | **314,295.00** | **17,812.00** | **17,152.00** |
| | **Bilanċ** | **12,250.00** | **0.00** | **61,251.00** | **(23,374.00)** | **(83,305.00)** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2018<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2018<br>ESTMI<br>€ | c<br>2017<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>VARJANZA<br>ATTWALI - ESTMI<br>€ | a-c<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 281,612.00 | 270,040.00 | 269,919.00 | 11,572.00 | 11,693.00 |
| 0002 | Supplimentari | 8,812.00 | 27,835.00 | 27,249.00 | (19,023.00) | (18,437.00) |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Grants released for the year/Ħwejjeġ Oħra | 571.00 | 0.00 | 61,702.00 | 571.00 | (61,131.00) |
| | | **290,995.00** | **297,875.00** | **358,870.00** | **(6,880.00)** | **(67,875.00)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0023 | Attivitajiet Kulturali (kontribuzzjonijiet/donazzjonijiet) | | | | | |
| 0034 | Gandotti (re-charge income account) | | | | | |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 13,665.00 | 3,596.00 | | 10,069.00 | 13,665.00 |
| 0037 | Każijiet Sentenzjati | | | | | |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 3,762.00 | 11,625.00 | 16,621.00 | (7,863.00) | (12,859.00) |
| | | **17,427.00** | **15,221.00** | **16,621.00** | **2,206.00** | **806.00** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 108.00 | 12.00 | 55.00 | 96.00 | 53.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **108.00** | **12.00** | **55.00** | **96.00** | **53.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0 | 1425.00 | 0 | (1,425.00) | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 863 | 422.00 | 0 | 441.00 | 863.00 |
| | | 863 | 1847.00 | 0 | -984 | 863 |
| | **TOTAL** | **309,393.00** | **314,955.00** | **375,546.00** | **(5,562.00)** | **(66,153.00)** |

## Noti:

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

# 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

**4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall**

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2018 ATTWALI €** | **2018 ESTMI €** | **~~2017~~ ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI-ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,452.00 | 7,500.00 | 7,356.00 | 48.00 | (96.00) |
| | Allowance tad-Deputat/Sindku u l-Kunsillieri | 8,294.00 | 6,000.00 | 5,884.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 57,202.00 | 58,000.00 | 61,708.00 | 798.00 | 4,506.00 |
| 1300 | Bonus | | 7,000.00 | 5,546.58 | 7,000.00 | 5,546.58 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 4,538.00 | 5,900.00 | 5,481.00 | 1,362.00 | 943.00 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | | | | |
| 1700 | Sahra | | | 797.42 | | 797.42 |
| 1800 | FSS Arrears | | | | | |
| | | **77,486.00** | **84,400.00** | **86,773.00** | **9,208.00** | **11,697.00** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 8,303.00 | 10,245.00 | 8,305.00 | 1,942.00 | 2.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 0.00 | 500.00 | | 500.00 | |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 11,085.00 | 15,652.00 | 14,689.00 | 4,567.00 | 3,604.00 |
| 2400 | Kera | 558.00 | 2,244.00 | 582.00 | 1,686.00 | 24.00 |
| 2500 | Shubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 208.00 | 293.00 | 24.00 | 85.00 | (184.00) |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 3,268.00 | 3,432.00 | 3,143.00 | 164.00 | (125.00) |
| 2700 | Trasport | 1,638.00 | 1,139.00 | 1,856.00 | (499.00) | 218.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 0.00 | 1,000.00 | | 1,000.00 | |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 3,003.00 | 1,033.00 | 3,622.00 | (1,970.00) | 619.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 90,672.00 | 92,697.00 | 89,678.00 | 2,025.00 | (994.00) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 4,808.00 | 3,180.00 | 3,253.00 | (1,628.00) | (1,555.00) |
| 3200 | Taħriġ | | 200.00 | | 200.00 | |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 9,955.00 | 4,000.00 | 7,426.00 | (5,955.00) | (2,529.00) |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu* | 2,734.00 | 1,080.00 | 94,587.00 | (1,654.00) | 91,853.00 |
| 3600 | Infurzar tal-Liġijiet | 466.00 | 75.00 | 357.00 | (391.00) | |
| | | **136,698.00** | **136,770.00** | **227,522.00** | **72.00** | **90,933.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | | | | | |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | | |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 82959.00 | 93,785.00 | | 10,826.00 | (82,959.00) |
| | | **82,959.00** | **93,785.00** | **0.00** | **10,826.00** | **(82,959.00)** |
| | **TOTAL** | **297,143.00** | **314,955.00** | **314,295.00** | **20,106.00** | **19,671.00** |

**Noti:** Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 5.1 Kontijiet

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

| | | |
|---|---|---|
| *17905525013* | **BOV Current Zurrieq** | **€89.28** |
| *17905525026* | **BOV Savings LES Operating Account** | **€5,711.31** |
| *40010392218* | **BOV Savings Zurrieq (inactive)** | **€678.41** |
| *13601366017* | **BOV LES Bank Payment Savings** | **€8,201.71** |
| *40010909313* | **BOV Savings Mqabba** | **€278,996.74** |
| *40015022949* | **BOV Current Mqabba Branch (inactive)** | **€0.92** |
| *40020528315 and 40010909326* | **BOV Current Accounts** | **€7,564,23** |

## 5.2 Cash in Hand

| | | |
|---|---|---|
| **Nominal Code 5010** | **Petty Cash float** | **€100** |
| **Nominal Code 5013** | **Employees' Cash float** | **€150** |

Anthony Bonello
Deputat Segretarju Eżekuttiv